MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru. 655/2000

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa’)

vs

Charles Bellia

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Charles Bellia ta’ 62 sena, iben Carmelo u Antonia nee’ Magri, imwieled Tarxien fil-21 ta’ Awissu 1938 u residenti 127, Gafa’ Street, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 595338(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer, matul f’Jannar 2000 u fix-xhur ta’ wara approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra minn somma ta’ flus li globalment hija LM1074.19 liema somma ta’ flus kienet tappartjeni lis-socjeta’ Bellia and Associates

Co Limited u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta’ flus jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Setembru 2000 (a *folio* 5 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta’ din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-prodediment.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tirrigwarda rapport li sar lill-Pulizija fil-5 ta’ Gunju 2000 minn Charles Agius u John Micallef li flimkien mal-imputat odjern kienu diretturi tas-socjeta’ kummercjali Bellia and Associates Limitied. Agius u Micallef ghamlu r-rapport ghan-nom tal-imsemmija socjeta’. F’dan ir-rapport huma qalu li kienu ffirmaw *blank cheque* fuq talba tal-impputat wara li dan qalilhom li kien ser juza ammont ta’ ftit aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) sabiex idahhalhom mieghu fi progett li kien jinvolvi bini ta’ dar ghall-anzjani fis-Siggiewi bl-isem ta’ St. Nicholas House Project. L-imputat kien azzjonist f’kumpanija bl-isem ta’ St. Nicholas House Project Limited flimkien ma’ terzi, u cioe’ Joseph Cassar u Anton Scicluna, u l-ghan ta’ din il-kumpanija kien li tinghata bicca art li kient tinsab is-Siggiewi minghand il-Gvern u minghand il-Kunsill Lokali tas-Siggiewi sabiex imbaghad tinbena dar ghall-anzjani. Sussegwentenment irrizulta lil Agius u lil Micallef, u dan wara li huma kienu ghamlu stharrig mal-bank u fil-*file* relattiv ghal progett liema *file* kien jinzamm mill-imputat fl-ufficcju ta’ Bellia and

Associates Limited, li ic-cheque in kwistjoni (*photographic image* tieghu tinsab esebit a *folio* 48 tal-process), li l-imsemmi *cheque* kien intela' pagabbli lill-imputat u lil martu u li kien gie msarraf minnhom. Inoltre irrizultalhom li l-imputat bl-ebda mod ma kien involvihom fis-St. Nicholas House Project kif kien infurmahom li ser jaghmel.

L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata (esebita a *folio* 20 sa 22 tal-process) filwaqt li ikkonferma li huwa kien ghamel ic-*cheque* pagabbli lilu nnifsu u lil martu spjega wkoll li huwa kien utilizza is-somma ta' Lm1074.19 sabiex jissalda *loan* illi hu u martu kellhom mal-bank u liema *loan* kienet ittiehdet minnu sabiex huwa jkopri spejjes li kien inkorra in konnessjoni ma St. Nicholas House Project kif ukol ma pprogett iehor bl-isem ta' International Motor Complex Project. Kemm fl-istqarrija kif ukoll fid-deposizzjoni moghtija quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2001 l-imputat insista li Agius u Micallef kienu a konoxxenza ta' dan il-fatt u spjega li huwa ma kienx involvihom fis-St. Nicholas House Project billi ghaddilhom sehem fl-ishma li kellu fis-socjeta' St. Nicholas House Project Limited ghliex huma kienu qablu li jhallsuh is-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5,000), oltre l-elf lira Maltin (Lm1,000) li diga' kienu hallsu, liema ammont huma baqghu ma hallsuhx.

Charles Agius u John Micallef li t-tnejn gew prodotti bhal xhieda mill-Prosekuzzjoni (vide xhieda ta' Charles Agius a *folio* 36 sa 43 u xhieda ta' John Micallef a *folio* 25 sa 35) eskludew kategorikament li kien hemm xi ftehim fejn huma kelllhom ihallsu somma ulterjuri lill-imputat jew li huma kienu b'xi mod involuti fl-International Motor Complex Project jew li kienu jafu li l-imputat kien ser jutilizza is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) lilu moghtija saiex jissalda l-*loan* personali li kellhom hu u martu.

F'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzzat b'approprijazzjoni indebita liema reat huwa kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'sentenza tal-1 ta Marzu 1952 il-Qorti tal- Appell Kriminali (sede inferjuri) qalet is-segwenti dwar ir-reat in dizamina:-

‘Id-delitt ta’ approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta’ dominju fuq il-haga bil-volonta’ li jezercita dominju fuqha: u dan ikun pruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li unikament juru l-intenzjoni ta’ l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m’humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu ghad-detenzjoni ta’ dik il-haga.’

Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni hija tal-fehma li dawn il-provi jinkwadraw ruhhom perfettament fl-elementi kostituttivi tar-reat ta’ approrijazzjoni indebita kif esposti fil-paragrafu precedenti. Fil-fatt irrizulta li l-imputat kien approprija ghalih l-ammont lilu kosnenjat minn Micallef u Agius billi ghamel il-*blank cheque* iffirmat minn dawn tal-ahhar pagabbli lilu personali u lil martu u utilizzah sabiex ihallas *loan* personali minflok ghall-iskop miftiehem ma Agius u Micallef. Konferma ulterjuri ta’ dak allegat minn Agius u Micallef huwa dak li qalu Joseph Cassar (xhieda a *folio* 56 sa 59 tal-process) u Anton Scicluna (xhieda a *folio* 60 sa 64), u cioe’ l-azzjonisti l-ohra fis-socjeta’ St. Nicholas Housse Project Limited, fejn dawn cahdu kategorikament li f’xi stadju l-imputat li kien involut maghhom fl-imsemmi progett, kien infurmahom li huwa kien ser jinvolvi wkoll lil Charles Agius u lil John Micallef fil-progett jew li kien ser jghaddilhom parti mill-ishma li huwa kellu fis-socjeta’ St. Nicholas House Project Limited.

Irid jinghad ukoll li filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali, l-imputat naqas milli jipprova sal-grad tal-probabbli dak minnu allegat sabiex jikkontradici l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat, l-eta’ avvanzata tal-istess imputat kif ukoll it-trapass eccessiv ta’ zmien minn minndu nhargu l-akkuzi odjerni sakemm il-kawza waslet sabiex tigi

deciza, u jidrilha li m'huwiex opportun li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva jew piena ta' prigunerja sospiza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------